# NOFS TA' KELMA *

## (GĦANJA TAL-GĦALQA)

Nofs ta' kelma kont għidtlek, ja sieħbi;
int żammejtha ġô qalbek midfuna.
Għalxejn tħares tistaqsi xi tfisser;
inħallik sakemm fl-aħħar tinduna.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

Nofs ta' kelma niftakar kont għidtlek,
mita konna bil-merħla flimkien.
Int sifirt, jiena bqajt ġô dar ommi.
Mita ġejt ġew qaluli l-girien.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

Nofs ta' kelma kont għidtlek u tlaqtek;
inti bqajt tħares lejja tithenna
flok nofs waħda ngħidhielek minn qalbi
dik li b'ħarsa kont ilek tistenna.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

U stennejtek fuq l-andar u l-qiegħa;
f'għjieb ix-xemx lejn il-għorfa x'ħin sejra...
Taħt it-tuta f'żernîq ta' jum sajfi;
fil-għaxija fit-tieqa tad-dwejra.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

* Mużika ta' P. Sammut Inglott. Għannietha l-ewwel darba s-Sna. Giuseppina Muscat fil-Kunċert Malti mogħti mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" fit-Teatru Manoel, it-3 ta' Frar, 1923.

U sthajjiltek fuq mifrex tal-maqjel,
lejlek kollu tismagħni bil-ħsieb;
bit-teptip tal-musbieħ jien sejjaħtlek.
Ġejt inkellmek, magħluq sibt il-bieb...

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

U ma smajtx it-taħbita ta' qalbi,
ma weġibtx għat-teptipa ta' fommi.
Bik kont noħlom... Dell iswed jien rajtek
miexi u tgħib lejla waħda f'dar ommi.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

Nofs ta' kelma kont għidtlek, niftakar,
mita konna bil-merħla flimkien.
Int sifirt, jiena bqajt nibkik dejjem.
Mita ġejt ħarist lejja ħosbien.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
timla qalbek bla ma tfur.

Nofs ta' kelma kont għidtlek, ja sieħbi;
Int żammejtha ġô qalbek midfuna.
Taħseb xejn: sħiħa u kollha ngħidhielek
mita t-tnejn f'qabar wieħed jixħtuna.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
iżda f'qalbek tħobb iddur.

A. C.